DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1908

tat-12 ta' Ottubru 2017

dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li jirrigwardaw is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005, id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen minbarra dawk elenkati fl-Anness II għal dak l-Att, li għalihom il-Bulgarija u r-Rumanija jaderixxu fil-mument tal-adeżjoni, għandhom japplikaw fil-Bulgarija u Rumanija bis-saħħa ta' deċiżjoni tal-Kunsill għal dak l-effett wara verifika li l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet kollha tal-*acquis* ta' Schengen ikunu ġew issodisfati.

(2) Fid-9 ta' Ġunju 2011, il-Kunsill ikkonkluda, skont il-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' Schengen applikabbli, li l-kondizzjonijiet fl-oqsma kollha tal-*acquis* ta' Schengen li jirrigwardaw il-Fruntieri tal-Ajru, il-Fruntieri tal-Art, il-Kooperazzjoni tal-Pulizija, il-Protezzjoni tad-Data, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, il-Fruntieri tal-Baħar u l-Viżi kienu ġew issodisfati mill-Bulgarija u r-Rumanija.

(3) Ġie introdott reġim simplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni f'konformità mad-Deċiżjoni Nru 565/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Dak ir-reġim huwa bbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija ta' ċerti dokumenti, b'mod partikolari l-viżi ta' Schengen, bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għat-transitu minn fuq it-territorji tagħhom jew permanenzi intiżi f'dawk it-territorji, li ma jaqbżux id-90 jum fi kwalunkwe perijodu ta' 180 jum.

(4) Huwa xieraq li, sa mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, il-Bulgarija u r-Rumanija jkollhom aċċess biex ikunu jistgħu jikkonsultaw, fil-modalità ta' qari biss, id-data tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) mingħajr id-dritt li jdaħħlu, jemendaw jew iħassru d-data fil-VIS. Dan isir biex tiġi ffaċilitata l-proċedura ta' applikazzjoni għall-viża nazzjonali tagħhom għall-prevenzjoni tal-frodi u kwalunkwe abbuż ta' viżi ta' Schengen billi jiġu vverifikati l-validità u l-awtenticità tagħhom abbażi tad-data maħżuna fil-VIS, biex jiġu ffaċilitati — fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom viża ta' Schengen –kontrolli f'punti ta' qsim tal-fruntieri fil-fruntieri esterni u fit-territorju tal-Istati Membri, biex tiġi ffaċilitata d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, biex jiġi ffaċilitat l-eżami ta' tali applikazzjonijiet, u biex jiżdied il-livell tas-sigurtà interna fit-territorju tal-Istati Membri billi tiġi ffaċilitata l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu. L-aċċess għall-konsultazzjoni u l-użu tad-data tal-VIS għandu jgħin ukoll fl-identifikazzjoni ta' kwalunkwe persuna li jista' jkun ma tissodisfax, jew m'għadhiex tissodisfa, l-kondizzjonijiet għad-dħul, jew għall-permanenza, fit-territorju tal-Istati Membri kkonċernati.

(5) Għaldaqstant, huwa tajjeb li tiġi adottata deċiżjoni li tapplika d-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-VIS kif imsemmi fl-Anness, kif ukoll l-iżviluppi sussegwenti kollha ta' dawk id-dispożizzjonijiet. L-applikazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet għandha tkun limitata għal dawk li jirrigwardaw l-aċċess għall-konsultazzjoni ta' data tal-VIS

([1]) Opinjoni mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2017 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Deċiżjoni Nru 565/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tintroduċi reġim simplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għat-tranżitu minn jew permanenzi intiżi fit-territorji tagħhom li ma jaqbżux id-90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum u li tħassar id-Deċiżjonijiet Nru 895/2006/KE u Nru 582/2008/KE (ĠU L 157, 27.5.2014, p. 23).

f'format ta' qari biss. Għalhekk, il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jiġu awtorizzati li jkollhom aċċess għad-data tal-VIS għall-konsultazzjoni u skont il-proċeduri u l-kondizzjonijiet speċifikati fid-dispożizzjonijiet applikati. L-Anness għandu jkun fih l-*acquis* rilevanti relatat mal-aċċess għall-konsultazzjoni ta' data tal-VIS. Madankollu, ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE ([2]) u id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/648/KE ([3]) diġà japplikaw għall-Bulgarija u r-Rumanija. Għaldaqstant, dawn mhumiex inklużi fl-Anness.

(6) Ikun tajjeb ukoll li tiġi ffissata data li minnha għandhom jibdew japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li jirrigwardaw il-VIS, kif stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija. Dan għandu jsir hekk kif il-Bulgarija u r-Rumanija jkunu nnotifikaw lill-Kummissjoni li l-ittestjar komprensiv relatat kollu li għandu jsir minn eu-LISA jkun tlesta b'mod pożittiv.

(7) It-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni tal-Istati Membri kkonċernati u l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fl-*acquis* ta' Schengen relatat mal-politika komuni dwar il-viżi għandhom jkunu soġġetti għal deċiżjoni separata tal-Kunsill adottata b'unanimità skont l-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005. Sal-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni, li ser tagħti effett lid-dispożizzjonijiet applikabbli fil-qasam tal-viżi għal soġġorn qasir minbarra dawk elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija, u li jinkludu b'mod partikolari l-Kodiċi dwar il-Viżi ([5]) u d-dispożizzjonijiet adottati għall-fini tal-implimentazzjoni tiegħu, il-Bulgarija u r-Rumanija ma jistgħux joħorġu viżi ta' Schengen u għandhom ikomplu joħorġu viżi għal soġġorn qasir taħt il-liġi nazzjonali tagħhom. Sad-data ffissata f'dik id-Deċiżjoni, ir-restrizzjonijiet dwar l-użu tal-VIS li jirriżultaw minn din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw id-dritt li tiġi introdotta data rilevanti, għandhom jinżammu.

(8) Madankollu, ikun tajjeb li matul dak il-perijodu ta' transizzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-viża tal-Bulgarija u r-Rumanija jingħataw aċċess għall-konsultazzjoni tad-data tal-VIS f'format ta' qari biss għall-finijiet tal-eżami ta' applikazzjonijiet għal viżi għal soġġorn qasir maħruġa minnhom taħt il-liġi nazzjonali tagħhom u d-deċiżjonijiet relatati ma' dawk l-applikazzjonijiet. Dan għandu jinkludi d-deċiżjoni jekk għandhiex tkun annullata, revokata, estiża jew imqassra l-validità tal-viża maħruġa skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti tagħhom.

(9) Peress li l-verifika f'konformità mal-proċeduri applikabbli tal-evalwazzjoni ta' Schengen li jikkonċernaw il-Bulgarija u r-Rumanija diġà ġiet ikkompletata bis-saħħa tal-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005, il-verifika taħt l-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 ([6]) mhijiex ser issir fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri. Wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, id-dispożizzjonijiet elenkati fl-Anness għandhom isiru effettivi biss wara li l-Bulgarija u/jew ir-Rumanija jkunu temmew pożittivament it-testijiet komprensivi mwettqa minn eu-LISA u wara li dawn ikunu ġew debitament notifikati lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, ikun tajjeb li l-Bulgarija u r-Rumanija jistiednu esperti minn Stati Membri u mill-Kummissjoni biex iwettqu kontrolli tal-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

(10) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ([7]) ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punti B u G tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([8]).

([1]) Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja; (ĠU L 286 1.11.2011, p. 1).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE tat-8 ta' Ġunju 2004 li tistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5).

([3]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/648/KE tat-22 ta' Settembru 2006 li tistipula l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar l-istandards għall-karatteristiċi bijometriċi marbuta mal-iżvilupp tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (ĠU L 267, 27.9.2006, p. 41).

([4]) Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

([5]) Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1).

([6]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27).

([7]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

([8]) Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

(11) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([1]) li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punti B u G tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([2]).

(12) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat ta' Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat ta' Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([3]) li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punti B u G tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE ([4]),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

(1) Id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li jirrigwardaw il-VIS imsemmi fl-Anness għandhom japplikaw għall-Bulgarija u r-Rumanija, bejniethom u fir-relazzjonijiet tagħhom mar-Renju tal-Belġju, mar-Repubblika Ċeka, mar-Renju tad-Danimarka, mar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, mar-Repubblika tal-Estonja, mar-Repubblika Ellenika, mar-Renju ta' Spanja, mar-Repubblika Franċiża, mar-Repubblika Taljana, mar-Repubblika tal-Latvja, mar-Repubblika tal-Litwanja, mal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, mal-Ungerija, mar-Repubblika ta' Malta, mar-Renju tan-Netherlands, mar-Repubblika tal-Awstrija, mar-Repubblika tal-Polonja, mar-Repubblika Portugiża, mar-Repubblika tas-Slovenja, mar-Repubblika Slovakka, mar-Repubblika tal-Finlandja u mar-Renju tal-Iżvezja kif ukoll mar-Repubblika tal-Iżlanda, mal-Prinċipat ta' Liechtenstein, mar-Renju tan-Norveġja u mal-Konfederazzjoni Żvizzera. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw wara li jkunu tlestew b'mod pożittiv it-testijiet komprensivi relatati kollha fir-rigward tad-dispożizzjonijiet elenkati fl-Anness li għandhom jitwettqu minn eu-Lisa, u wara li l-Bulgarija u r-Rumanija u l-Kummissjoni jiġu nnotifikati li dawk it-testijiet tlestew b'mod pożittiv. Barra minn hekk, il-Bulgarija u r-Rumanija jistgħu jistiednu esperti minn Stati Membri u mill-Kummissjoni biex iwettqu kontrolli tal-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

(2) Sal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill li tneħħi l-kontrolli fil-fruntieri interni tal-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti tal-viża tal-Bulgarija u r-Rumanija jista' jkollhom aċċess għall-VIS għall-konsultazzjoni f'format ta' qari biss, għall-finijiet ta':

(a) l-eżami ta' applikazzjonijiet għal viżi għal soġġorn qasir li jinħarġu mill-Bulgarija u mir-Rumanija taħt il-liġi nazzjonali tagħhom;

(b) deċiżjoni dwar dawk l-applikazzjonijiet, inkluża d-deċiżjoni jekk għandhiex tkun annullata, revokata, estiża jew imqassra l-validità tal-viża maħruġa skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti tagħhom.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mid-data, li għandha tiġi determinata mill-Kummissjoni, meta l-Bulgarija u r-Rumanija jinnotifikaw lill-Kummissjoni li t-testijiet komprensivi msemmija fl-Artikolu 1(1) ikunu tlestew b'mod pożittiv.

([1]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.
([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).
([3]) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.
([4]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-12 ta' Ottubru 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
U. REINSALU

ANNESS

Lista tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen relatati mal-VIS li għandhom isiru applikabbli għall-Bulgarija u r-Rumanija

1. L-Artikoli 1 u 126 sa 130 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fuq il-fruntieri komuni tagħhom ("il-Konvenzjoni ta' Schengen"), (ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19) sa fejn huma relatati ma' dispożizzjonijiet oħra msemmijin f'dan l-Anness;

2. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE tat-8 ta' Ġunju 2004 li tistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5);

3. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perijodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60):

   — il-Kapitolu I bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 6(1)

   — l-Artikolu 15, li għandu japplika *mutatis mutandis* għall-eżami ta' applikazzjonijiet għal viżi għal soġġorn qasir li jinħarġu mill-Bulgarija u mir-Rumanija taħt il-liġi nazzjonali tagħhom, inklużi deċiżjonijiet li jirrigwardaw dawk l-applikazzjonijiet

   — il-Kapitolu III

   — il-Kapitolu V, bl-esklużjoni tal-Artikolu 31(2) u (3)

   — il-Kapitolu VI u VII bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 50(6)

4. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129);

5. L-Artikolu 21(2), l-Artikolu 37(1) u 43(5) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1);

6. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/756/KE tad-9 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-użu tal-marki tas-swaba' għal identifikazzjoni bijometrika u l-verifika tas-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (ĠU L 270, 15.10.2009, p. 14).

7. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/876/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tadotta miżuri implimentattivi tekniċi għad-dħul tad-data u għall-konnessjoni tal-applikazzjonijiet, għall-aċċess, emendar, tħassir u tħassir avvanzat tad-data u biex jinżammu u jkun hemm aċċess għar-rekords tal-operazzjonijiet għall-ipproċessar tad-data fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (ĠU L 315, 2.12.2009, p. 30), sa fejn din id-Deċiżjoni hija relatata mal-eżami tal-applikazzjonijiet għall-viża;

8. It-Titolu II u l-Annessi għar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1) sa fejn huma relatati mal-VIS.